C/2025/2118

11.4.2025

Sommarju tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni

tat-23 ta' Ottubru 2024

dwar proċedura skont l-artikoli 101 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea

(IL-KAŻ AT.40401 — VETTURI FERROVJARJI UŻATI)

(notifikat bid-dokument nru C(2024) 7355 final)

(it-test bl-ingliż biss huwa awtentiku)

(C/2025/2118)

Fit-23 ta' Ottubru 2024, il-Kummissjoni adottat deċiżjoni li tirrigwarda proċedura skont l-Artikolu 101 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea. F'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 30 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1/2003 ([1]), il-Kummissjoni qiegħda hawnhekk tippubblika l-ismijiet tal-partijiet u tal-kontenut prinċipali tad-deċiżjoni, inkluż kull penali imposta, filwaqt li jitqies l-interess leġittimu tal-impriżi fil-protezzjoni tas-sigrieti kummerċjali tagħhom.

1. **INTRODUZZJONI**

(1) Id-Deċiżjoni timponi multa fuq České dráhy, a.s. ("ČD", iċ-Ċekja) u Österreichische Bundesbahnen-Holding Aktiengesellschaft, ÖBB-Personenverkehr Aktiengesellschaft, u ÖBB-Technische Services-Gesellschaft mbH (kollettivament imsejħa "ÖBB", l-Awstrija) għall-ksur tal-Artikolu 101 TFUE.

(2) Mid-9 ta' Mejju 2012 sal-21 ta' Jannar 2016, ÖBB u ČD (flimkien "il-Partijiet") ħadu sehem fi ftehim u/jew prattika miftiehma bl-għan li jimpedixxu d-dħul fis-suq jew l-espansjoni tal-kompetitur komuni tagħhom RegioJet a.s. ("RegioJet", iċ-Ċekja) fis-swieq għall-forniment ta' servizzi domestiċi tat-trasport ferrovjarju tal-passiġġieri fuq distanzi twal fiċ-Ċekja kif ukoll għall-forniment ta' servizzi internazzjonali tat-trasport ferrovjarju tal-passiġġieri fuq distanzi twal bejn l-Awstrija u ċ-Ċekja fuq ir-rotta Praga - Vjenna billi jipprevjenu, ifixklu jew jirrestrinġu l-aċċess ta' RegioJet għall-vaguni ferrovjarji użati ta' ÖBB għat-trasport tal-passiġġieri fuq distanzi twal.

2. **DESKRIZZJONI TAL-KAŻ**

2.1. **Proċedura**

(3) Bejn it-28 ta' Ġunju u l-1 ta' Lulju 2016, il-Kummissjoni wettqet spezzjonijiet fil-bini ta' ČD (fi Praga) u ta' ÖBB (fi Vjenna).

(4) Sussegwentement, il-Kummissjoni rċeviet applikazzjoni mingħand ÖBB għal tnaqqis tal-multi skont l-Avviż tal-Kummissjoni tal-2006 dwar l-immunità minn multi u tnaqqis ta' multi f'każijiet ta' kartell (l-"Avviż ta' Klemenza").

(5) Fl-10 ta' Ġunju 2022, il-Kummissjoni adottat Dikjarazzjoni tal-Oġġezzjonijiet (DO). Fl-14 ta' Settembru 2022, ÖBB ippreżentat it-tweġiba tagħha bil-miktub għad-DO. Fit-30 ta' Settembru 2022, ČD ippreżentat it-tweġiba tagħha bil-miktub għad-DO. Fit-13 u l-14 ta' Diċembru 2022, iż-żewġ Partijiet eżerċitaw id-dritt tagħhom li jinstemgħu billi pparteċipaw fis-Smigħ Orali.

(6) Il-Kumitat Konsultattiv fil-qasam tal-Prattiki Restrittivi u tal-Pożizzjonijiet Dominanti ħareġ opinjoni favorevoli fit-18 ta' Ottubru 2024.

([1]) ĠU L 1, 4.1.2003, p. 1. Ir-Regolament kif emendat bir-Regolament (KE) Nru 411/2004 (ĠU L 68, 6.3.2004, p. 1).

2.2. **Sommarju tal-ksur**

2.2.1. *Fatti*

(7) Id-Deċiżjoni ssib li ČD u ÖBB immanuvraw b'mod kollużiv il-proċeduri tal-bejgħ għall-vaguni ferrovjarji tal-passiġġieri użati ta' ÖBB għad-detriment ta' RegioJet biex ifixklu l-kompetizzjoni fis-suq tat-trasport ferrovjarju tal-passiġġieri fuq distanzi twal fiċ-Ċekja u fuq ir-rotta ferrovjarja internazzjonali bejn Praga u Vjenna.

(8) In-negozju ewlieni tal-Partijiet huwa l-forniment ta' servizzi tat-trasport ferrovjarju tal-passiġġieri fiċ-Ċekja u fl-Awstrija rispettivament kif ukoll fuq linji internazzjonali bejn iż-żewġ pajjiżi, fejn il-Partijiet joffru servizzi konġunti f'kooperazzjoni (eż., fuq ir-rotta Praga-Vjenna). Matul il-perjodu tal-ksur, RegioJet kienet kompetitur attwali ta' ČD fiċ-Ċekja u kompetitur potenzjali taż-żewġ Partijiet fuq ir-rotta Praga-Vjenna.

(9) Bħala parteċipant ġdid żgħir b'riżorsi limitati, RegioJet fil-biċċa l-kbira qagħdet fuq vaguni użati kemm għall-operazzjonijiet eżistenti tagħha kif ukoll għall-espansjoni ulterjuri potenzjali tagħha. ÖBB irrappreżentat sors importanti ta' dawk il-vaguni, minħabba l-kompatibbiltà teknika tagħhom man-networks ferrovjarji fl-Awstrija u fiċ-Ċekja u l-għadd kbir ta' vaguni disponibbli ta' kwalità tajba u b'karatteristiċi moderni (arja kundizzjonata, adegwatezza għal veloċità ogħla, eċċ.).

(10) Billi qablu li jieħdu miżuri biex jirrestrinġu l-aċċess ta' RegioJet għall-vaguni użati ta' ÖBB, ČD u ÖBB segwew l-objettiv usa' li jimpedixxu d-dħul fis-suq jew l-espansjoni tal-kompetitur komuni tagħhom RegioJet fis-swieq għall-forniment ta' servizzi domestiċi tat-trasport ferrovjarju tal-passiġġieri fuq distanzi twal fiċ-Ċekja kif ukoll għall-forniment ta' servizzi internazzjonali tat-trasport ferrovjarju tal-passiġġieri fuq distanzi twal fuq ir-rotta Praga - Vjenna.

(11) Il-ksur kien jikkonsisti f'diversi azzjonijiet antikompetittivi li seħħew matul il-perijodu tal-ksur, bħal:

a. it-twaqqit tal-bejgħ tal-vaguni ta' ÖBB b'mod li jnaqqas il-possibbiltà li l-vaguni jinbiegħu lil RegioJet;

b. l-immanuvrar tal-bejgħ tal-vaguni sabiex ČD minflok RegioJet tkun tista' tikseb il-vaguni;

c. l-iskambju ta' informazzjoni dwar l-offerti u l-grad ta' interess ta' offerenti oħra; kif ukoll

d. f'każ wieħed li jinvolvi vaguni li ČD ma kinitx qed tippjana li tixtri, il-qbil dwar xerrej xieraq (għajr RegioJet).

(12) Il-Partijiet kienu konxji li l-vaguni użati ta' ÖBB kienu jirrappreżentaw input importanti għall-parteċipant il-ġdid RegioJet u li r-restrizzjoni tal-aċċess ta' RegioJet għall-vaguni ta' ÖBB kienet tal-inqas kapaċi tirrestrinġi l-espansjoni ta' RegioJet u għalhekk tnaqqas il-kapaċità tagħha li tikkompeti mal-Partijiet.

2.2.2. *Valutazzjoni legali*

(13) Id-Deċiżjoni ssib li l-ftehim u/jew il-prattika miftiehma tal-Partijiet jikkostitwixxu ksur uniku u kontinwu tal-Artikolu 101(1) TFUE u kartell skont il-punt 1 tal-Avviż ta' Klemenza.

(14) Mill-kontenut, l-objettivi kif ukoll mill-kuntest legali u ekonomiku, id-Deċiżjoni tikkonkludi li l-ftehim u/jew il-prattika miftiehma inkwistjoni kellhom bħala l-għan tagħhom ir-restrizzjoni tal-kompetizzjoni skont l-Artikolu 101(1) tat-TFUE.

2.3. **Rimedji**

(15) Id-Deċiżjoni tapplika l-Linji Gwida dwar il-Multi tal-2006 ([2]).

([2]) Il-Linji Gwida dwar il-metodu ta' kif jiġu stabbiliti l-multi imposti skont l-Artikolu 23(2)(a) tar-Regolament 1/2003 (ĠU C 210, 1.9.2006, p. 2).

2.3.1. *Ammont bażiku tal-multa*

(16) L-ammont bażiku li kull Parti għandha tiġi mmultata huwa ddeterminat fuq il-bażi tal-Valur tal-Bejgħ ta' oġġetti jew servizzi li miegħu huwa relatat il-ksur u li jirriżulta mill-applikazzjoni ta' ammont varjabbli u ammont addizzjonali.

(17) Għad-determinazzjoni tal-Valur tal-Bejgħ, il-Kummissjoni tqis id-dħul tal-Partijiet fis-swieq tat-trasport tal-passiġġieri fuq distanzi twal, inkluż kemm id-dħul mill-bejgħ tal-biljetti kif ukoll id-dħul relatat mal-kuntratti tal-Obbligu ta' Servizz Pubbliku.

(18) Iż-żona ġeografika kkonċernata mill-ksur hija magħmula minn żewġ partijiet: l-ewwel nett, ir-rotta internazzjonali Praga-Vjenna, u t-tieni, it-territorju kollu taċ-Ċekja. Fir-rigward tal-ewwel parti taż-żona ġeografika rilevanti, id-dħul ta' kull Parti fuq din ir-rotta jintuża bħala l-bażi għall-Valur tal-Bejgħ rispettiv tagħha. Fir-rigward tat-tieni parti taż-żona ġeografika rilevanti, id-dħul ta' ČD fiċ-Ċekja jittieħed ukoll bħala bażi għall-valur tal-bejgħ ta' ÖBB, fejn kull Parti tiġi attribwita 50 % tad-dħul ta' ČD.

(19) Għall-ammont varjabbli u l-ammont addizzjonali, kemm għal ÖBB kif ukoll għal ČD jiġi applikat perċentwal ta' 15 % rispettivament, minħabba n-natura serja tal-ksur.

(20) Ma jiġu kkunsidrati l-ebda ċirkostanzi mitiganti jew aggravanti, u ma jiġi applikat l-ebda multiplikatur ta' deterrenza.

2.3.2. *Applikazzjoni tal-limitu ta' 10 % tad-dħul mill-bejgħ u tal-komunikazzjoni fuq il-kooperazzjoni*

(21) Kemm għal ÖBB kif ukoll għal CD il-multa tibqa' ferm inqas minn 10 % tal-fatturat dinji fl-2023.

(22) B'applikazzjoni tal-komunikazzjoni fuq il-kooperazzjoni, il-multa li kellha tiġi imposta fuq ÖBB tnaqqset b'45 %.

3. **KONKLUŻJONI**

(23) Għall-ksur ta' dawn t'hawn fuq, ġew imposti l-multi li ġejjin:

a. České dráhy, a.s.: EUR 31 940 000

b. Österreichische Bundesbahnen-Holding Aktiengesellschaft, ÖBB Personenverkehr Aktiengesellschaft, u ÖBB-Technische Services Gesellschaft mbH, in solidum: EUR 16 712 000